**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IT-TIENI SENA** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**<u>Taqsima A</u>**. Wieġeb fil-qosor. **(10 marki)**

1. Min kiteb l-Atti ta' l-Appostli?

   ______________________________________________

2. Kif jitqassam il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli?

   ______________________________________________

3. Għid għaliex il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli għandu importanza speċjali għalina l-Maltin.

   ______________________________________________

4. Għid meta niċċelebraw it-twelid tal-Knisja f'Malta.

   ______________________________________________

5. B'liema isem ieħor nistgħu nsejħu lill-Ispirtu s-Santu?

   ______________________________________________

6. X'niċċelebraw fil-Festa ta' l-Għid il-Ħamsin?

   ______________________________________________

7. Għid għaliex il-Lhud kienu mifrudin mis-Samaritani.

   ______________________________________________

8. Għid għaliex Ġesù rrakkonta l-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb.

   ______________________________________________

9. Lil min għażlu l-Appostli biex it-tqassim tal-karità jiġi organizzat aħjar?

   ______________________________________________

10. X'insejħu l-ittri li kull tant żmien il-Papa jibgħat lid-dinja kollha?

    ______________________________________________

**Taqsima B**. Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tniżżel in-numru fil-kaxxa. **(10 marki)**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | San Ġwann Bosco | | kien iqis lill-foqra bħala teżor tal-knisja. |
| 2. | Santa Jean Jugan | | dar f'Għawdex li tilqa' fiha tfal orfni. |
| 3. | San Vinċenz de Paule | | għandhom f'Malta djar fejn irabbu trabi abbandunati. |
| 4. | San Lawrenz | | waqqfet il-'Little Sisters of the Poor.' |
| 5. | Madre Tereża | | bena dar biex tilqa' fiha persuni b'diżabiltà. |
| 6. | Lourdes Home | | tat servizz b'xejn lill-ifqar fost il-fqar. |
| 7. | Caritas | | kien jieħu ħsieb tfal u żgħażagħ abbandunati. |
| 8. | Mons. Mikiel Azzopardi | | kien igħin lill-foqra, 'il-morda u 'l-priġunieri. |
| 9. | Beatu Dun Ġorġ Preca | | tgħin nies li waqgħu vittmi tad-drogi, tax-xorb u tal-vizzju tal-logħob. |
| 10. | Is-Sorijiet ta' l-Ursolini | | waqqaf Għaqda li tieħu ħsieb it-tagħlim tal-Katekiżmu. |

**Taqsima Ċ**. Poġġi dawn il-partijiet tal-Quddiesa kif jiġu wara xulxin. **(20 marka)**

L-Evanġelju, it-Tqarbin, l-Att Penitenzjali, it-Talba tal-Fidili, il-Missierna, is-Salm Responsorjali, il-Paċi, il-Purċissjoni ta' l-Offerti, il-Kolletta, l-Ewwel Qari.

| | |
|---|---|
| 1. | 2. |
| 3. | 4. |
| 5. | 6. |
| 7. | 8. |
| 9. | 10. |

**Taqsima D**. Fisser dawn il-siltiet mill-Bibbja. **(20 marka)**

1. "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi." *(Mattew 25,40)*

_______________________________________________

2. 'Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda u kienu jaqsmu kollox bejniethom.' *(Atti 2,44)*

_______________________________________________

3. "Mela jekk il-Mulej u l-Imgħallem ħaslilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin." *(Ġwanni 13,14)*

_______________________________________________

4. "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom." *(Ġwanni 20,21)*

_______________________________________________

5. "U ara, jiena magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien." *(Mattew 28,20)*

_______________________________________________

**Taqsima E**. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet. **(20 marka)**

"Missierna li inti fis-Smewwiet, jitqaddes Ismek, tiġi Saltnatek, ikun li trid Int, kif fis-sema hekda fl-art. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina, la ddaħħalniex fit-tiġrib iżda eħlisna mid-deni. Amen. "

1. Xi nsejħulha din it-talba?

___

2. Min għallem din it-talba u lil min?

___

3. Lil min qed nitolbu f'din it-talba?

___

4. X'tifhem bil-kliem 'jitqaddes Ismek'?

___

5. Għid meta Ġesù talab b'dan il-kliem: "Ikun li trid int."

___

6. X'għallimna Ġesù bil-kliem: "Ikun li trid int"?

___

7. (a) Fisser is-sentenza: "Aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina."

___

___

(b) Agħti **tliet** eżempji biex turi kif tista' tgħix din is-sentenza f'ħajtek.

___

___

**Taqsima F**. Wieġeb fit-tul **waħda** minn dawn il-mistoqsijiet: **(20 marka)**

1. Il-Quddiesa: Ċelebrazzjoni ta' Għaqda.

(a) F'madwar **30 kelma** fisser kif l-ewwel Insara kienu jiċċelebraw il-qsim tal-ħobż (Il-Quddiesa) f'Jum il-Mulej.
(b) Semmi **erba'** partijiet tal-Quddiesa li juru l-għaqda ta' bejnietna.
(ċ) Fisser **tnejn** minn dawn il-partijiet.
(d) Għid kif inti tista' tieħu sehem b'mod sħiħ fil-Quddiesa.

2. Il-Knisja mill-bidu tagħha kienet tieħu ħsieb lil min hu fil-bżonn.

(a) Ikteb il-ġrajja ta' meta ntgħażlu l-ewwel djakni fl-ewwel żminijiet tal-Knisja.
(b) Għid liema ħidmiet illum isiru mill-membri tal-Knisja. Semmi **ħamsa**.
(ċ) Il-karità mhix biss għotja ta' flus. Għid kif inti tista' turi karità ma' sħabek, fil-familja u fis-soċjetà.